REĠJUN ĊENTRU

---

# MINUTI

## Laqgħa tar-Reġjun Numru 30

## IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30

It-Tlieta 17 ta' Diċembru, 2019

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 33, Triq il-Qasab, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Conrad Borg Manché – Sindku Gżira
Is-Sur Stephen Gatt - Kunsillier Ħal Balzan
Is-Sur Keith Tanti –Sindku Pieta'
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici – Viċi Sindku San Ġwann
Is-Sur Gianluca Falzon – Viċi Sindku Santa Venera
Is-Sur Anthony Chircop – Sindku tas-Sliema
Is-Sinjura Romina Galea – Viċi Sindku l-Imsida
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard

ASSENTI

Dott. Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sinjura Joanne Debono Grech – Sindku Birkirkara

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

30.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti kif għal din il-laqgħa kienu preżenti s-sostituti ta' l-Imsida, ta' Ħal Balzan, u ta' San Ġwann minħabba li r-rappreżentanti uffiċċjali ma setgħux ikunu preżenti f'din il-laqgħa.

30.1.2 Il-President żied jgħid ukoll li dan ir-Reġjun irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, sabiex jinfurmana li ma setax jattendi għal din il-laqgħa.

30.1.3 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw din l-ittra ta' apoloġija.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

30.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 29 li saret nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru 2019 kienu meħuda bħala moqrija.

30.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku, is-Sur Clayton Luke Mula, u sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli.

## 30.3 Komunikazzjoni mill-President

30.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti dwar laqgħa li kien attenda li nżammet nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembry 2019 fejn għaliha kienu preżenti l-Onor. Silvio Parnis, is-Sra. Marisa Pisani, is-Sur Ray Zammit, is-Sur Mario Fava flimkien mal-Presidenti u s-Segretarji Eżekuttivi tal-ħames Reġjuni.

30.3.2 Il-President spjega kif kienet laqgħa tajba fejn kulħadd kellu l-opportunità li jressaq il-preokkupazzjonijiet u s-suġġerimenti tiegħu. U żied jgħid li l-aktar suġġett importani u ta' interess li ġie diskuss waqt din il-laqgħa kien dwar il-karti tas-seduti tat-Tribunal.

30.3.3 Is-Sur Fenech Adami qal lill-membri kif l-Avukat Ġenerali ta parir lil Ministeru li kull Reġjun għandu jżomm biss ta' l-aħħar tliet xhur u ta' qabel dejjem għandhom jintremew. Għal din ir-raġuni, is-Sur Silvio Parnis talab lill-assisstent tiegħu sabiex joħroġa bħala komunikazzjoni, però s'issa din għadha ma nħarġitx.

30.3.4 Is-Sur Fenech Adami qal ukoll kif l-ikbar kwistjoni kienet li r-Regjuni jridu jaħdmu kif suppost peress li hawn min qed jaħdem qisu Kunsill Lokali ieħor u mhux bħala Reġjun. Ħarġet ċara li r-Reġjun mhux qiegħed hemmhekk biex jieħu post il-Kunsilli Lokali u lanqas biex jgħin lill-Kunsill Lokali fid-*day-to-day running* tal-Kunsilli Lokali.

30.3.5 Il-President spjega wkoll kif qamet ukoll l-kwistjoni dwar is-sejħiet ta' offerti għal servizzi professjonali bħal ta' Accountant, Avukat u Perit li m'għandhomx jinħarġu bħala Reġjun u żied jgħid kif kien hemm qbil dwar dan mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Però ser tingħata direzzjoni dwar dan mill-Ministeru.

30.3.6 Il-President spjega kif waħda mill-proposti li ressaq hu waqt din il-laqgħa kien dwar x'użu jista' jsir minn propjeta vojta li huma propjeta tal-Gvern. Kompla jispjega kif bħala Reġjun kienu saru laqgħa

30.3.7 Il-President semma wkoll kif wara li saret din il-laqgħa, kull President ġie preżentat b'*sach* u kif ukoll badge li għandha tintlibes kull meta jkun hemm okkażżjoni.

30.3.8 Rigward il-flus tal-LESA, il-President spjega kif kienu ġew infurmati waqt din il-laqgħa li l-*accounts* qedin jingħalqu wara li saru l-awditjar u eventwalment għandhom jgħaddu l-flus. Madankollu, ma kienx hemm qbil meta dawn il-pagamenti ser jingħaddu lura għand ir-Reġjun u lanqas kemm.

30.3.9 Il-President għamel referenza għall-iskema tal-librerji fejn kull Kunsill Lokali jista' jibbenifika f'madwar €3,000 u għal din ir-raġuni s-Sur Fenech Adami talab lis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sra. Galea, sabiex tiċċekkja liema Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun għandu librerija u dawk li għandhom librerija għandhom jinfurmawna jekk humiex ser japplikaw għal din l-iskema li ħarġet.

30.3.10 Il-President spjega kif l-idea hija sabiex isir il-*Great Book* fejn grupp ta' żagħżagħ jgħamlu proġett u jkun eżebit l-Belt, jiġi ppreżentat lill-President tar-Repubblika kif ukoll jitpoġġa fl-arkivji nazzjonli. Dan il-proġett jinvolvi madwar sena sabiex isir. Hu żied jgħid li da nil-ktieb eventwalment jitpoġġa on a digital platform.

30.3.11 Għal din ir-raġuni is-Sa Pisani ssuġġeriet li r-Reġjun għandu jara liema Kunsilli Lokali li m'għandhomx libreriji kif ukoll jistaqsi lil dawk il-Kunsilli li għandhom librerija u mhux ser japplikaw għall-iskema mhux ser japplikaw għal dawn il-fondi, japplika r-Reġjun f'isem dawn il-Kunsilli Lokali.

30.3.12 Il-President issuġġerixxa sabiex eventwalment issir *mobile library* li jkun trailer irranġat f'librerija u li jkun jistà jdur il-lokalitajiet u b'hekk tkun librerija li tkun qed tolqot il-lokalitajiet kollha.

30.3.13 Il-President ressaq fuq il-mejda ħames proposti oħra u ta spjegazzjoni dettaljata fuq kull kors, li jammontaw għal €42,788.00, u li ser isiru mill-fondi ta' l-*ESC Plan* wara li dawn ġew diskussa u approvati mis-Sra. Marisa Pisani.

30.3.14 Kopja ta' dawn il-proposti ġew ippreżentati lill-membri preżenti.

30.3.15 Il-President żied jgħid kif kien hemm rispons tajjeb ħafna dwar il-korsijiet li ġew ippjanati u li ser jibdew minn Jannar 2020.

30.3.16 Il-membri preżenti unanimament approvaw dawn il-proposti.

30.3.17 Il-President irringrazzaja lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sra Galea, li qedha tieħu ħsieb il-paġna ta' Facebook u ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex jagħmlu 'LIKE' fuq din il-paġna u jistieden aktar nies sabiex il-grupp dejjem jikber u għal din ir-raġuni kull avviż li jinħareġ mingħand ir-Reġjun ikun jistà jolqot aktar nies.

30.3.18 Il-President informa lill-membri li għandu jsir ukoll Instagram tar-Reġjun. Eventwalment f'Jannar 2020 dan is-suġġett għandu jiġi diskuss aktar fid-dettal sabiex tiġi kkreata l-website u tkun abbinata mal-paġna ta' Facebook kif ukoll ma' l-instgram.

30.3.19 Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv jaġġorna lill-membri preżenti dwar is-sejħa ta' servizz ta' EU Funds Officer.

30.3.20 Is-Sra. Galea spjegat li kif kienet ser titella s-sejħa fuq is-sistema ta' l-ePPs, dan kellu jitwaqqaf peress li jrid ikun hemm tibdil fl-isem fejn ir-Reġjun ma jkunx Kumitat Rġjonali Ċentru imma jkun Kunsill Reġjonali ċentru.

30.3.21 Is-Sejħa ser tinħareġ malli dan it-titlu jkun irranġat mid-DGL u d-Dipartiment tal-Kuntratti.

30.3.22 Il-President qal ukoll li din is-sejħa ddiskutiha mas-Sra. Pisani fejn tat id-direzzjoni biex dan it-tender jinħreġ u l-ħlas isir mill-ESC Plan. Dan peress li l-persuna li kellha tingħata lil kull Kunsill Reġjonali ma kinitx ser isir peress li din l-għajnuna ser tingħata mill-MEUSAC.

## 30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

30.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet imressqa mill-membri.

## 30.5 Rapporti

30.5.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 30.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Applikazzjoni Għat-tiġdid tal-Kuntratt tat-Teleworking*

30.6.1 Il-President. Is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda t-talba mingħand is-Segretarju Eżekutti tar-Reġjun, is-Sinjura Jeanette Galea, sabiex tkun tistà iġġedded il-kuntratt li għandha tat-*teleworking* għal perjodu ta' sena.

30.6.2 Il-membri preżenti unanimament approvaw din it-talba.

- *Xiri ta' Uniformi*

30.6.3 Il-President informa lill-membri preżenti kif is-Segretarju Eżekuttiv ġiet avviċinata mill-impjegati sabiex ikun hemm xiri ta' uniform. Għal din ir-raġuni qed tittressaq għall-approvazzjoni t-talba sabiex jinxtraw qomos, qlieżet u caridigans.

30.6.4 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Ittra ta' riżenja*

30.6.5 Il-President informa lill-membri preżenti kif dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' riżenja mingħand l-Uffiċjal Eżekuttiv, is-Sur Danilo Bezzina, nhar il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru 2019 u għal din ir-raġuni huwa spjega kif ser ikun qed jaħdem il-perjodu tan-*notice* sal-Ġimgħa 31 ta' Jannar 2020.

30.6.6 Il-President żied jgħid kif għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun informat lid-DGL dwar dan sabiex tkun tistà tinħareġ is-sejħa għal Executive Officer fuq Skala 13 u fuq bażi *full time.*

30.6.7 Il-President qal li l-persuna magħżula għal dan l-irwol għandu jkun l-persuna li ser tgħin lis-Segretarju Eżekuttiv fl-amministrazzjoni tar-Reġjun. Aġġornament dwar din il-vakanza tingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Skema Numru 2/2019 – Skema ta' Għajnuna għall-Għaqdiet fil-Lokalitajiet fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Ċentru*

30.6.8 B'referenza għal din l-iskema, il-President ressaq fuq il-mejda it-talba li dan ir-Reġjun irċieva mingħand il-Kunsill Lokali ta' l-Iklin sabiex il-fondi jintużaw biex il-Kunsill jikkolabora ma' Lija/Iklin Football Youth Nursery bħal l-fundatturi fejn il-Kunsill jixtieq jipprovdi s-servizz ta' trasport lit-tfal li jattendu għal dan l-isports.

30.6.9 Din it-talba ġiet approvata mill-membri preżenti b'mod unanimu.

30.6.10 B'referenza għal din l-iskema, il-President ressaq fuq il-mejda talba li dan ir-Reġjun irċieva mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan fejn talab sabiex isir tibdil fit-talba oriġinali li kienet ġiet ippreżentata fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun.

30.6.11 Il-President qal kif il-Kunsill spjega kif peress li l-Każin tal-Banda Filarmonika Marija Assunta ma kienux f'pożizzjoni li jipprovdu irċievuta fiskali u għal din ir-raġuni il-Karżin tal-Banda San Gabriel ser tingħata l-ammont ta' €1,400 minflok ta' €800 sabiex jinxtraw il-pavaljuni għal festa kif ukoll Balzan Youths FC ser jingħata l-ammont ta' €600 minflok ta' €400 sabiex jingħata ħlas ta' parti mill-ispiża biex jiġi stampat *manzgine* li jfakkar ir-rebħa tal-*FA Trophy*.

30.6.12 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Sejħa ta' Offerti fuq Bażi Reġjonali - Ġbir ta' Skart Domestiku*

30.6.13 Il-President fakkar lill-membri preżenti kif fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex kull Kunsill Lokali jibgħat il-kummenti tiegħu dwar din is-sejħa mill-aktar fis possibli.

30.6.14 Il-President qal lill-membri li ser issir laqgħa dwar dan is-suġġett biss nhar it-Tlieta 7 ta' Jannar 2020 fil-5 ta' filgħaxija fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun.

## 30.7 Xogħol Vakanti – Clerk (Skala 15 – *Part Time)*; Uffiċjal Prinċipal (Skala 11 – *Full Time)*

30.7.1 Il-President għamel referenza għal din il-vakanza li kienet ġiet ippublikata b'mod estern fil-gazzetta tal-Gvern, Times of Malta u l-indipendena nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru 2019. L-applikazzjonijiet kellhom jaslu sa mhux aktar tard mit-Tnejn 25 ta' Novembru 2019.

30.7.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif peress li daħħlu numru ta' applikazzjonijiet, dawn ġew *short listed* u għal din ir-raġuni għandu jinħatar bord sabiex isiru l-intervisti neċessarji.

30.7.3 Ġie deċiż li s-Sur Anthony Chircop u s-Sur Conrad Borg Manchè ser ikunu fuq il-bord flimkien mal-President, is-Sur Michael Fenech Adami, u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sra. Jeanette Galea.

30.7.4 Il-President għamel referenza għas-sejħa ta' żewġ Uffiċċjali Prinċipali (Skala 11 fuq bażi *full time)* u informal ill-membri li lapplikazzjoni li kienet ġiet imressqa mis-Sur Danilo Bezzina ma tibqax valida peress li kien ippreżenta l-ittra ta' riżenja u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun għandha tinforma lid-DGL li s-Sa. Antonella Baldacchino għandha titla għal dan il-grad.

30.7.5 Il-membri preżenti b'mod unanimu qablu dwar dan.

## 30.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

30.8.1 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manchè, sekondat mis-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chricop, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 28A u 28B.

30.8.2 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 30.9 Mozzjonijiet

30.9.1 Ma ġiet diskussa l-ebda mozzjoni waqt din il-laqgħa.

## 30.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

30.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:10 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Jannar, 2020 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 16 ta' Jannar, 2020.

IFFIRMATA

Michael Fenech Adami
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv